MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 785/2006

**City Girl Company Limited (C-6334)**
**vs**
**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors** ta' Elizabeth sive Liz Chircop noe li permezz tieghu issottomettit illi:

Illi s-socjeta' esponenti giet innotifikata ricentement b'ittra ufficjali mill-Kummissarju Intimat fil-proceduri odjerni b'ittra ufficjali *ai termini* ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta halli hija thallas arretrati ta' kera in konnessjoni mal-

fond mikri lilha Shop 11, Bieb il-Belt, Republic Str, Valletta.

Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi l-pretensjoni hekk kif imressqa mill-Kummissarju ta' l-Artijiet hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi kien l-istess Kummissarju intimat fil-proceduri odjerni illi kiser il-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' lokazzjoni vigenti bejn il-partijiet. Ghalhekk issa ma jistax l-istess Kummissarju wara li kien huwa li kiser l-istess ftehim jipprova jinforza l-istess ftehim kontra l-istess socjeta' u dana *ai termini* tal-principju '*inademplenti non est ademplentum'* u dana hekk kif se tipprova l-istess socjeta' esponenti waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq esposti tiddikjara t-talba maghmula mill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana taht dawk il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa w opportuni,

Rat ir-**Risposta ta' l-Intimat** a fol. 4 tal-process fejn issottometta:

Illi huwa gie notifikat nhar id-29 ta' Awissu 2006, b'rikorsipprezentat nhar it-22 ta' Awissu 2006, fejn ir-rikorrenti qieghed jikkontesta l-ammont mitlub mill-esponenti.

Illi l-ammont kif pretiz mill-esponenti, *ai termini* l-ittra gudizzjarja tat-23 ta' Mejju 2006, huwa kollu dovut kif ser jirrizulta waqt il-provi, ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti, m'ghandiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u ghalhekk tikkundannah ihallas l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lix-xhud Vincent Gilson ghall-intimati;

Rat li s-socjeta' attrici ma ressqet ebda provi;

Peress illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom jaghtu lill-intimat ammonti ta' flus bhala arretrati ta' kera li huma naqqsu li jhallsu ghalkemm inghataw l-opportunitajiet kollha mill-intimati, fosthom *repayment agreement*, imma ghal xejn.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------